**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 16 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 827/01 AE**

**Joseph u Gerard ahwa Saydon**
**ezercenti l-kummerc bl-isem ta'**
**J & G Saydon Bros.**

**vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sittax-il centezmu hlas ghall-bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Semgha lill-attur bil-gurament li kkonferma l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat baqa’ ma deherx fis-seduta tat-12 ta’ Ottubru 2001 u lanqas f’dik tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm1121.16) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta’ merkanzija. Bl-imghax mit-12 ta’ Marzu 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**